**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-06 ta' Lulju, 2018**

**Talba Numru: 103/2018 AM**

**Numru fuq il-Lista: 29**

**Martin Agius (K.I.660957M)**

**52, Jordana Court, Flat 1,**

**Triq id-Dejl,**

**Ghaxaq.**

**Vs**

**Lara Baldacchino (K.I. 0411189M)**

**1, Triq it-Tigrija, Housing Estate,**

**Marsa**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur fil-21 ta' Marzu, 2018 li permezz tieghu l-attur talab minghand il-konvenuta is-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) rapprezentant self li l-attur kien ghamel lil konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, il-konvenuta ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tall-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Marzu, 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**